# Seraċini fil-Qorti tal-Inkwiżizzjoni

*Profs Frans Ciappara*

Mod kif il-Knisja fl-imgħoddi kienet tikkontrolla lill-fidili kien id-dmir li kellu kull min kien għamel l-ewwel tqarbina li kull sena jqerr u jitqarben, għal anqas darba fis-sena fi żmien l-Għid. Biex il-Kappillan kien ikun jaf min falla f'dan l-obbligu kien iqassam il-bullettini li kellhom jiġġeddu meta wieħed jitqarben. It-traskurati jew *contumaci*, kif kienu jissejħu dawk li ma jibdlux il-bullettin, kien ikollhom isimhom miktub fuq nota mwaħħla mal-bieb tal-knisja, u min imut spreċettat kien jindifen f'post mhux imbierek.

Il-kappillan kien responsabbli mill-parroċċa tiegħu biss. Għad-djocesi kollha ta' Malta kien hemm l-isqof u l-inkwiżitur. L-Inkwiżizzjoni Rumana twaqqfet fl-1542 mill-Papa Pawlu III, Farnese, biex tikkumbatti lir-riforma Protestanta. F'Malta kien hawn ukoll min kien qiegħed isegwi dan it-tagħlim. Il-membri tal-*Confraternità dei Buoni Cristiani* kienu jaqraw lil Luteru, Erasmu, Melanchthon u l-Bibbja bit-Taljan. Wara li ġie informat b'dan, il-Papa Piju IV waqqaf ukoll dan it-tribunal tal-fidi f'Malta fl-1561. L-isqof Cubelles sar l-ewwel inkwiżitur u warajh Rojas. Fl-1574 il-Papa Gregorju XVI bagħat Malta lill-Monsinjur Pietru Duzina bħala delegat apostoliku biex jara li d-digrieti tal-Konċilju ta' Trentu kienu qegħdin jiġu mwettqa. Imma Duzina, li ma ninsewx qata' lil Ħ'Attard minn Birkirkara u għamlu parroċċa għalih, ġie Malta wkoll bħala inkwiżitur. Hekk, ħa l-post tal-Isqfijiet Maltin u, mill-1574 sal-1798, inkwiżitur wara l-ieħor, kollha Taljani, sal-aħħar wieħed, ir-Ruman Giulio Carpegna, segwew lil xulxin.



L-Arma tal-Inkwiżizzjoni

Min jidgħi, japostata', jaqra kotba kkundannati mill-knisja, jiekol il-laħam fil-ġranet ipprojbiti, jemmen fis-seħer, jissieħeb mal-mażunerija, jgħid kliem eretikali, jerġa' jiżżewweġ meta l-ewwel mara tkun għadha ħajja, u ħafna oħrajn, kollha kienu jidhru f'dan il-Qorti, il-Birgu. F'dan l-artiklu jissemmew xi nies minn Ħ'Attard ħatja ta' xi waħda minn dawn l-'ereżiji'.

Fis-sena 1686, it-tabib Patist Dingli instab ħati, fost ħwejjeg oħra, li ma jemminx f'Alla u li jipprattika s-seħer. L-inkwiżitur Vidone 'eżiljah' minn Ħ'Attard għal sentejn bl-obbligu li jidher quddiem it-tribunal kull meta jiġi msejjaħ. Imma milli jidher



Il-Palazz tal-Inkwiżizzjoni



*Id-daħla għal waħda miċ-ċelel*

ma biddilx ħajtu. Fid-29 ta' Lulju 1694, Mattew Fenech, ħajjat minn Ħ'Attard, deher quddiem l-inkwiżitur Tomaso Ruffo u xlieh b'sodomija; li miera lill-kappillan li biex immorru l-ġenna rridu nagħmlu l-penitenza ; li mal-għadu tagħna għandna nimxu sinna b'sinna għax Alla jibgħat l-infern lil min jippersegwitaH; u li tista' tiekol il-laħam nhar ta' Ġimgħa.

It-tabib Dingli, ta' 40 sena, li kien separat minn ma' martu imma kellu l-'partner' Ġeronima, ġie arrestat fil-21 ta' Ottubru, 1694; u l-għada, bdiet l-interrogazzjoni, li kompliet fit-23, fil-25 u fis-27 tal-istess xahar. Innega l-akkużi kontrih u ġab xhieda favur tiegħu, imma l-inkwiżitur, fit-28 t'April, 1695, bagħtu għat-tortura. Ġie eżaminat mill-kirurgu Bello li xehed li Dingli seta' jingħata t-turment tal-korda. Ġie mgħolli minn idejh marbuta wara filwaqt li beda jgħajjat: "Għidt il-verita'! Madonna Santissima! Madonna Santissima! Ajma! Ajma! Madonna! Għidt il-verita'. Alla jaf li għidt il-verita'! Ma rridx immur l-infern! Ajma! Ajma!"

Fit-23 t'April, 1695, ġie kkundannat għal tliet snin ħabs. U, biex is-Sinjur Alla jkollu ħniena minnu, kellu jqerr u jitqarben erba' darbiet fis-sena - f'Pentecoste, f'Santa Marija, il-Milied u l-Għid. M'għaddiex iż-żmien kollu l-ħabs. Kien qiegħed ibati bil-qtugħ tan-nifs u, fl-10 ta' Awwissu 1696, intbagħat minflok fid-dar ta' ħuh il-Gudja, il-Kappillan Dun Bernardin Dingli.

Każ ieħor hu ta' Ġanni Azzopardi li sar Mislem waqt li kien ilsir Kostantinopli. Fl-1757 ħarab lejn Smirna fejn ġie milqugħ fil-kunvent tal-kapuċċini. Meta ġie lura Malta fuq xini Franċiz mar għand l-inkwiżitur fejn xela lilu nnifsu b'apostasija.

Oħrajn dehru fuq każijiet ta' dagħa. Ġużeppi Sant, fl-1753, kien tant iddisprat bil-faqar li kien fih filwaqt li oħrajn kienu tant komdi, li akkuża lil Alla li mhux ġust. Sentejn wara, fl-14 ta' Mejju 1755, Mikiel Calafato deher quddiem l-inkwiżitur Salviati : "Ħdax-il ġurnata ilu kont qiegħed fil-ħanut tal-merċa ta' Ġanni Pawlu għall-ħabta tal-Ave Marija. Daħlu Andrea u ħuh li bdew jiġġieldu u jidgħu". Każ ieħor jirreferi għal Ġanni Bezzina li, fil-11 ta' Jannar 1773, xela lil Ġamri *ta' fares* li nfaqa' jidgħi fil-ħanut ta' Ġanni Buhagiar *ta' Psitu.*

Fis-27 ta' Lulju tas-sena ta' wara deher quddiem l-istess inkwiżitur Antonio Lante Ġużeppi Agius, imlaqqam 'ċawsat', saraċin ta' 43 sena li kien joqgħod fi Triq l-Imdina bejn il-knisja tas-Salvatur u dik tal-Lunzjata. Kien ifejjaq lin-nies mis-suffejra. L-ewwel kien jgħaddilhom minn fuq sidirhom biċċa ħaffiefa li jekk teħel kien sinjal li għandhom il-marda. Fost it-talb li kien jgħid, kien irodd is-salib, jgħid ħames ave, pater u glorja f'ġieħ is-Santissima Trinita'; ave u pater ad unur San Franġisk Saverju, San Ġużepp u l-qaddisin kollha. Wara kien ipoġġi żewġ biċċiet tax-xemgħa (waħda minnhom tal-gandlora u l-oħra tat-tniebri) fuq ġbin il-pazjent, filwaqt li jgħid salve regina. Imbagħad kien ibaħħar lill-marid b'weraq taż-żebbuġ imbierek, inċens u biċċiet tax-xemgħa. Ta' dan l-intrigu kien jitħallas erba' rbajja' (tarì). Kien idabbarha sewwa għax kien jgħajjex mara u sitt itfal!

Meta miet, bintu Marija kompliet dan it-tip ta' fejqan, għalkemm kienet taqla' x'tiekol ukoll billi tagħżel il-qoton. Fejqet, fost l-oħrajn, lil Luqa Mamo minn Birkirkara u n-nutar Benedittu Falzon, ta' 39 sena, minn Ħ'Attard. Kienet tikkura wkoll lil min kellu l-'qarnita' f'għajnejh, fosthom in-neputi ta' Dun Anton Grixti minn Ħ'Attard. Kienet tgħaddi ċurkett minn fuq l-għajn filwaqt li tgħid:

*Salib In Dew, Santu Luqa, San Mattew,*
*Għandi għajnejja tuġagħni.*
*Mur f'dak il-ġnien,*
*Imxejtu b'riġlejja*
*U saqqejtu bid-dmugħ t'għajnejja.*
*Aqta' busbiesa ħelwa u imsaħ biha għajnejk.*
*U mur f'xatt il-baħar issib il-qarnit jistaħam.*
*Aħfen seba' ħafniet ma' seba' mewġiet.*
*Aħsel għajnejk biex isiru bħal wardiet.*
*Santa Marija Margerita, neħħi l-għabra mill-qarnita.*

L-inkwiżituri kienu jqisu dan it-tip ta' fejqan bħala superstizzjoni u, għaldaqstant, bħal missierha, Marija, fl-1788, kienet ordnata taħt piena ta' ħabs biex ma tkomplix teżerċita' din il-'professjoni'.

L-inkwiżizzjoni Rumana twaqqfet biex tikkumbatti l-Protestanti imma, meta din it-theddida battiet, il-qorti tal-fidi kien mezz effikaċi biex iġġedded lill-fidili f'Kattoliċi vera. Kien mezz utli kontra d-dagħa u 'ereżiji' oħra imma, bħal fil-każ ta' Marija, kien jara li l-fruntiera bejn is-sagru u l-profan tkun ċara. Kien fadal wisq rqajja' ta' 'Indjani' jipprattikaw forma ta' reliġjon inferjuri. Dan kien ifisser li l-membri tal-kleru kellhom bi tbatija jerġgħu jirbħu l-pożizzjoni ta' mexxejja tal-komunita' nisranija. Din il-missjoni kienet partikularment iebsa f'Malta fejn ir-reliġjon kienet biċċa waħda mill-ħajja tan-nies. Dan l-isforz ambizzjuż min-naħa tal-Knisja jista' jixxebbah mar-riforma t'edukazzjoni obbligatorja tas-seklu dsatax.